NEWSPAPER POST



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MARZU – APRIL 2010

Nru 173

## BENEDITTU XVI F'MALTA: esperjenza "Ġorġjana" wkoll



*"Nirringrazzja lil Alla għall-opportunità li tani li niltaqa' ma' tant minnkom u li nżur din il-gżira sabiħa... Waqt li qed nitlaqkom, ħalluni nħeġġiġkom għal darb'oħra biex trawmu għarfien profond ta' l-identità tagħkom u tħaddnu r-responsabbiltajiet li joħorġu minnha, l-aktar billi tippromovu l-valuri tal-Vanġelu li jagħtukom viżjoni ċara tad-dinjità umana u ta' l-oriġni u d-destin komuni ta' l-umanità. Kunu ta' eżempju, f'artkom u barra minn artkom, ta' ħajja Kristjana dinamika. Kunu kburin bis-sejħa Kristjana tagħkom".*

(BENEDITTU XVI, *Diskors taċ-Ċerimonja tat-Tluq*, Ajruport Internazzjonali ta' Malta, 18 ta' April 2010)

**ara paġni 6, 7 u 16**

## Iħallina l-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja



Nhar l-Erbgħa 28 ta' April 2010, ftit qabel it-8.00pm, wara xhur rikoverat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ħalliena l-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja, wieħed mill-membri-fundaturi tal-kolleġġjata Ġorġjana. Il-Funeral solenni tiegħu sar il-Ġimgħa 30 ta' April 2010, fil-bażilika ta' San Ġorġ. Fil-ħarġa li jmiss nippubblikaw tislima xierqa lil dan is-saċerdot Ġorġjan.

*rapport sħiħ fil-ħarġa li jmiss*

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377. fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Għawdex jiċċelebra l-Qaddis Patrun tiegħu fit-23 ta' April

Ta' kull sena l-jum tat-23 ta' April ifisser għall-Ġorġjani – u magħhom l-Għawdxin li, kif imisshom, iħossuhom Ġorġjani – waqfa speċjali mir-rutina tax-xogħol tagħhom biex jiċċelebraw, bħal missirijiethom qabilhom, il-festa liturġika ta' San Ġorġ, il-patrun u protettur tal-gżira Għawdxija, id-djoċesi u l-belt tagħha. Anki din is-sena, il-Ġimgħa 23 ta' April ġie ċċelebrat bid-dinjità li tixraq lill-Patrun ta' Għawdex.

Sa mill-jum ta' qabel, fil-Velja solenni li saret fi Pjazza San Ġorġ, numru sabiħ ta' Ġorġjani ħadu sehem f'ċelebrazzjoni ta' festa li, kif issa saret id-drawwa, tara l-istatwa "smewwija" ta' Pietru Pawl Azzopardi tixref għal ftit fil-bieb tal-bażilika Ġorġjana. Din is-sena t-tema tal-velja stiednet lil dawk preżenti jirriflettu fuq kif San Ġorġ ħaddan it-tliet virtujiet teologali: il-Fidi, it-Tama u l-Imħabba. L-atturi ċkejknin, li b'kapaċità kbira tellgħu t-tliet rappreżentazzjoni drammatiċi, għenu lill-miġemgħa tiskopri s-sbuħija tal-persuna ta' Ġorġi u kif hu għex dawn il-kwalitajiet sbieħ tal-Vanġelu.

Imbagħad l-għada, sa miż-żerniq, it-tokki regali tal-qniepen tal-bażilika, il-bnadar qalbiena tas-salib aħmar iperpru fuq il-bjut minkejja x-xita, il-ħoss festiv tal-murtali minn fuq Gelmus, l-armar sempliċi fi Pjazza San Ġorġ, u l-influss qawwi tad-devoti fil-bażilika armata mill-aqwa għas-solennità, kienu biżżejjed biex jikkonfermaw li nhar it-23 ta' April kien jum differenti minn tas-soltu, għax Għawdex kien qam jiċċelebra lil San Ġorġ.

Kull 23 ta' April hu sejħa lill-Ġorġjani biex jgħożżu isem Ġorġi, jiddefenduh b'dak li għandhom l-egħżeż għal qalbhom, ifaħħruh bl-oħla kliem, u jiftakru f'kemm-il darba daħal għal niesna fl-istorja. Imma fuq kollox dan il-jum prezzjuż fil-kalendarju liturġiku Għawdxi hu sejħa għall-imitazzjoni tal-qaddis li ta ħajtu għal Kristu fl-ogħla wirja ta' xhieda Kristjana: il-martirju. M'hux ta' b'xejn li hu l-Prinċep tal-Martri! Kemm kien sabiħ il-kliem tal-vigarju ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci fil-pontifikal solenni ta' jum il-festa: "Meta aħna nkunu ttentati... mit-tagħlim qarrieqi li nisimgħu u naraw kuljum anki madwarna, hemm bżonn li nagħtu xhieda tal-fidi tagħna. Għandna mudell hekk kbir: nitolbuh li jħares il-fidi tagħna". Nitolbuh iħares lil gżiritna u lil niesna mill-firdiet li hemm min jixtieq jiżra'.

U issa li kulħadd seta' jduq il-benna tal-festa ta' April, nistennew bil-ħerqa dik ta' Lulju!

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

03/04/2010 **Luke**, bin Alison Mercieca u Sammy Mercieca
03/04/2010 **Shaniah**, bint Antonio Portelli u Kelly Frances Xuereb
04/04/2010 **David**, bin Diane Calleja u Brian Joe Attard
04/04/2010 **Neil**, bin Jennifer Camilleri u Angelo Bonello
04/04/2010 **Elisa**, bint Karen Camilleri u Manfred Eckert
17/04/2010 **Luciano**, bin Odette Farrugia u Anthony Camilleri
23/04/2010 **Sasha**, bint Jason Farrugia u Haidi Xuereb
24/04/2010 **Anna Maria**, bint Lawrence Cauchi u Josette Cefai
24/04/2010 **Joseph**, bin Lawrence Cauchi u Josette Cefai
24/04/2010 **Eman George**, bin George Camilleri u Angela Mifsud
24/04/2010 **Maya**, bint Marianne Sagona u Mario Formosa
25/04/2010 **Joseph**, bin John Cremona u Sonia Falzon

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

21/03/2010 **Josephine Mizzi**
10/04/2010 **Rosa Mercieca**
27/04/2010 **Ġorġ Grima**
28/04/2010 **Kan. Ġużeppi Borg Bugeja**
28/04/2010 **Doris Sacco**
30/04/2010 **Carmel Farrugia**

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

20/03/2010 **Christopher T. Attard u Sue Ellen Vella**
21/03/2010 **Rose Grech** u **Kevin Alamango**
10/04/2010 **Maria Formosa u Patrick Tabone**

### Nifirħu lil:

Kan. Ġużeppi Sacco, teologu tal-kapitlu Ġorġjan, li fit-2 ta' April għalaq ħamsin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. **Mitbugħa għand l-*A&M Printing* tal-Qala, Għawdex.**



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*



cardonapaul@gmail.com

## Is-saċerdot hu għalliem

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja kollha ta' *Il-Belt Victoria*, insellmilkom.

Kif kont ktibtilkom fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 2009, bħalissa qed tiġi ċċelebrata s-Sena Saċerdotali fil-mija u ħamsin sena mit-"twelid għas-Sema" tal-Kurat ta' Ars, San Ġwann Marija Vianney. Fil-11 u t-12 ta' Frar li għadda kelli l-pjaċir li nieħu sehem f'konvenju teoloġiku, fl-Università Pontifiċja tal-Lateran f'Ruma, organizzat mill-Kongregazzjoni tal-Kleru, li kellu t-titlu: *Fedeltà ta' Kristu, fedeltà tas-saċerdot*. Ħadt sehem ma' madwar 750 persuna bejn kardinali, isqfijiet u saċerdoti mid-dinja kollha. B'dispjaċir ngħid li kont l-uniku Malti. Kellna wkoll udjenza partikulari mal-Q.T. il-Papa Benedettu XVI. Kienet esperjenza sabiħa ħafna.

Matul din is-sena ħallewna żewġ saċerdoti oħra mill-parroċċa tagħna: il-Kan. Ġwann Scicluna u l-Kan. Ġużeppi Borg Bugeja. Nitlob għalihom u nirringrazzjahom għal dak kollu li għamlu għall-parroċċa tagħna u għall-ġid ta' l-erwieħ. Jalla l-Mulej ikun ġeneruż magħhom u jilqagħhom fi ħdanu. Propju għalhekk ħassejt il-bżonn li, fi tliet ħarġiet ta' din il-pubblikazzjoni, naqsam magħkom xi riflessjonijiet fuq il-ħajja saċerdotali u fuq ir-rwol tagħna s-saċerdoti.

L-ewwel rwol li għandhom is-saċerdoti hu dak imsejjaħ *"munus docendi"*: li jgħallmu. Il-lum dan il-*"munus docendi"* tal-Knisja, imwettaq konkretament permezz tal-ministeru ta' kull saċerdot, jirriżulta ta' importanza kbira. Qegħdin fi żmien ta' konfużjoni kbira, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għażliet fundamentali tal-ħajja tagħna u mal-mistoqsijiet fuq x'inhi d-dinja, minn fejn ġejja, fejn sejrin, x'irridu nagħmlu biex inwettqu dak li hu tajjeb, kif għandna ngħixu, liema huma l-valuri verament importanti u neċessarji.

F'din is-sitwazzjoni titwettaq il-Kelma tal-Mulej, li ġietu ħniena u tħassar lill-folla għaliex kienu qishom nagħaġ bla ragħaj (ara Mk 6:34). Il-Mulej stqarr dan meta ra dawk l-eluf ta' nies mexjin warajh fid-deżert, għax ma kinux jafu liema hu s-sens veru ta' l-Iskrittura Mqaddsa u x'kien qed jgħid Alla. Il-Mulej innifsu, filwaqt li tħassarhom, interpreta l-Kelma ta' Alla, hu li kien l-istess Kelma ta' Alla, u indikalhom it-triq.

Din hi l-funzjoni *"in persona Christi"* tas-saċerdot, jiġifieri li jaġixxi f'isem Kristu: jirrendi preżenti, fid-dinja konfuża tal-lum, id-dawl tal-Kelma ta' Alla, id-dawl li hu Kristu nnifsu f'din id-dinja tagħna. Dan ifisser li s-saċerdot ma jgħallimx l-opinjoni tiegħu, xi filosofija li hu stess ivvinta, li sab jew li togħġbu. Is-saċerdot ma jitkellimx f'ismu u għalih innifsu, ħalli jiġbed nies għal warajh; ma jgħidx ħwejjeġ tiegħu jew ivvintati minnu.

F'din is-sitwazzjoni tant konfuża ta' żmienna s-saċerdot jgħallem f'isem Kristu li hu preżenti, joffri l-verità ta' Kristu nnifsu, il-kelma tiegħu, il-mod tiegħu li jgħix u li jimxi 'l quddiem. Għas-saċerdot jgħodd dak li qal Kristu nnifsu: "It-tagħlim tiegħi m'huwiex tiegħi, imma ta' dak li bagħatni" (Ġw 7:16). Kristu ma jipproponix lilu nnifsu, iżda, bħala Iben, hu l-vuċi u l-Kelma tal-Missier. Is-saċerdot ukoll għandu jgħid u jġib ruħu hekk.

Il-fatt li s-saċerdot ma jivvintax, ma joħloqx u ma jxandarx dak li hu tiegħu bħala duttrina, iżda biss dak li hu ta' Kristu, ma jfissirx li għandu jkun qisu *loudspeaker* li jxandar il-Kelma bla ma jagħmilha tiegħu. Hawnhekk ukoll jeħtieġ li jimita lil Kristu li qal: "Jiena ma ġejtx minn rajja u ma ngħixx għalija; jiena ġej minn għand Missieri u ngħix għalih" (ara Ġw 7:28). Dan ifisser li t-tagħlim ta' Kristu hu dak tal-Missier, u hu nnifsu wieħed mal-Missier. Is-saċerdot li jxandar il-Kelma ta' Kristu, il-fidi tal-Knisja, u mhux l-ideat tiegħu, għandu jgħid ukoll: "Jien ma ngħixx għalija, iżda għalija l-ħajja hija Kristu; ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu" (ara Efes 1:21; Gal 2:20). B'hekk dak kollu li qalilna Kristu jsir kliem tiegħu, anki jekk m'hux kliemu. Il-ħajja tas-saċerdot titwaħħad ma' dik ta' Kristu. Santu Wistin, meta kiteb fuq dan, qal: "U aħna min aħna? Ministri (ta' Kristu), qaddejja tiegħu; għaliex dak kollu li ngħaddulkom m'hux ħaġa tagħna, iżda noħorġuh mil-maħżen tiegħu. Aħna wkoll ngħixu bih, għaliex aħna qaddejja bħalkom" (*Diskors 229/E*, 4).

It-tagħlim li s-saċerdot hu mistenni joffri, il-veritajiet tal-fidi, jeħtieġ li jiġu megħjuxa minnu personalment f'mixja spiritwali qawwija, ħalli jidħol f'għaqda profonda u f'komunjoni ma' Kristu nnifsu. Is-saċerdot jemmen, jilqa' u jipprova jgħix hu nnifsu l-ewwel, fil-ministeru tiegħu, dak li l-Mulej għallem u l-Knisja twassal ma' kullimkien.

Bħala konsegwenza ta' dan faċli jiġri li s-saċerdot isir "leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert" (Mk 1:3). Hawn insibu l-qawwa profetika tiegħu: ma jħallix lilu nnifsu jkun ikkundizzjonat minn ebda kultura jew mentalità dominanti, iżda juri biċ-ċar il-verità awtentika u profonda, li Kristu hu l-Ħaj, hu Alla qrib tagħna, hu Alla li jaħdem fil-ħajja u għall-ħajja tad-dinja u li jagħtina l-verità, il-mod kif għandna ngħixu.

Is-saċerdot huwa dejjem "mgħallem": jgħallem, kemm fil-predikazzjoni tiegħu ta' nhar ta' Ħadd, mingħajr ma' neskludu dik ta' matul il-ġimgħa, kemm fil-formazzjoni katekętika, fl-iskejjel, fl-istituzzjonijiet akkademiċi, u b'mod speċjali, permezz tal-ħajja personali tiegħu. U dan kollu mhux billi jimponi lilu nnifsu fuq l-oħrajn; pjuttost biċ-ċertezza umli u ferħana ta' min iltaqa' mal-Verità, li ġibditu lejha u bidlitu, tant li ma jistax ma jxandarhiex. Għaliex is-saċerdozju ħadd ma jista' jagħżlu għalih innifsu, m'hux mod biex nissistemaw ruħna fil-ħajja, biex ikolli pożizzjoni fis-soċjetà: ħadd ma jista' jfittex is-saċerdozju b'inizjattiva personali. Is-saċerdozju hu tweġiba għas-sejħa tal-Mulej, tar-rieda tiegħu, ħalli wieħed isir xandâr mhux ta' xi verità personali, iżda tal-verità ta' Kristu.

Il-Poplu ta' Alla jistenna minn għandna s-saċerdoti t-tagħlim tal-Knisja b'mod ġenwin, u dan sabiex permezz tiegħu jġedded ħajtu ma' Kristu li jagħti l-ferħ, il-paċi u s-salvazzjoni. L-Iskrittura Mqaddsa, il-kitbiet tal-Missirijiet u d-dutturi tal-Knisja u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika huma għejjun indispensabbli u neċessarji għall-konverżjoni, għal mixja ta' fidi u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Għax il-Verità m'hix xi kunċett jew xi ideat li jiġu mxandra biex ngħixuhom. Il-verità hija l-persuna ta' Kristu, li permezz tagħha, għaliha u fiha ngħixu, u hekk il-Bxara t-Tajba tiġi megħjuxa u mifhuma mid-dinja. Għalhekk l-Iben ta' Alla li sar bniedem qalilna: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Vanġelu lill-ħolqien kollu" (Mk 16:15).

Nirringrazzjakom, u itolbu għalina lkoll ħalli ngħixu b'fedeltà din il-missjoni tagħna. Il-Mulej iberikkom.

# San Ġorġ u l-formazzjoni ta' wliedna

jikteb Dun Ġużepp Gauci fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġorġ



Il-qima li nagħtu lil San Ġorġ għandha tkun "fl-ispirtu u l-verità" b'tali mod li tħalli effett fuq il-mumenti l-aktar fundamentali li jibnu l-ħajja Nisranija tagħna. Biex nimitawh tassew u bħalu nkunu Kristjani u Ġorġjani veri, jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna l-edukazzjoni Nisranija li rċieva fil-familja tiegħu, minkejja li, kemm fil-Kappadoċja fejn twieled u kemm f'Lidda fejn għadda ż-żgħożija tiegħu, kien hemm l-influwenza kbira tal-paganiżmu Ruman, u allura ma kinitx ħaġa faċli li tmur kontra l-kurrent u tifforma qalb bil-prinċipji tal-Vanġelu.

Kienu l-ġenituri tiegħu, Ġeronzju u Polikronja, li stinkaw biex Ġorġi jirċievi din il-formazzjoni Evanġelika, u mhux ta' b'xejn li aħna nitolbu: "Hekk kif hemm fil-Kappadoċja / int twelidt, nisel għażiż, / fik il-ġmiel minn tal-qdusija / beda jiddi l-aktar fis". Hemm min jgħid li l-missier, Ġeronzju, sar Nisrani meta kien diġà kiber, u kienet Polikronja li bl-eżempju u bl-insistenza tagħha wasslitu għar-reliġjon Nisranija. Imma, kien x'kien il-każ, l-ispirtu Nisrani tal-ġenituri kellu sehem kbir biex Ġorġi sa minn twelidu, megħjun bis-sagrament tal-bidu tal-ħajja Nisranija, il-Magħmudija, jitrawwem f'ambjent Nisrani. Ġeronzju u Polikronja kienu tassew konxji li l-ġenituri huma l-aqwa u l-ewwel edukaturi ta' l-ulied, kif fil-fatt tinsisti l-Knisja fit-tagħlim tagħha fi żminijietna. Kienu jafu sewwa li ħadd ma jista' jidħol flokhom f'din il-missjoni importanti tagħhom ta' ġenituri. Kellu raġun San Pier Damiani jenfasizza bil-qawwa kollha li "Ġorġi, imwieled minn familja nobbli, kien aktar nobbli għall-fidi u l-qdusija tiegħu". Kemm hemm x'nimitaw mill-familja Nisranija li fiha twieled u trabba Ġorġi tagħna!



Forsi, filwaqt li niċċelebraw lil San Ġorġ u hekk kif f'kull ħin nipprovaw inqimuh bl-aħjar mod possibbli, għandna nħossu l-ħtieġa urġenti li nitolbu lil San Ġorg jgħaddi jlebbet fuq iż-żiemel minn fost il-familji kollha tal-komunità tagħna, biex ma ngħidx ta' Għawdex u Malta kollha tagħna, ħalli jeqred tant draguni li qed jgħerru l-ħajja ta' ħafna mill-familji tagħna. Nitolbuh lil San Ġorġ jeħodha kontra d-draguni tal-firdiet, tad-divorzji, ta' żgħażagħ li joqogħdu flimkien mingħajr ma' jiżżewġu, ta' forom ta' Żwieġ li m'humiex skond il-pjan ta' Alla, ta' nuqqas ta' formazzjoni reliġjuża tajba liż-żgħar tagħna, ta' nuqqas ta' ħeġġa għat-talb mill-familji, u ta' tant u tant problemi oħra li qed ikissru l-għaqda tal-familja u l-binja tagħha skond l-ispirtu ta' Kristu. Nafu li l-ewwel vittmi ta' dawn id-"draguni spiritwali" huma l-ulied. It-tfal l-aktar li jbatu minn sitwazzjonijiet familjari bħal dawn. U għalhekk, aħna u niftakru fil-formazzjoni tajba li ngħata San Ġorġ mill-ġenituri tiegħu, formazzjoni li kienet kapaċi teħodha kontra l-ambjent pagan li kien jeżisti "'il barra mill-bieb tad-dar tiegħu", inħarsu ftit madwarna u, quddiem sitwazzjonijiet allarmanti li fihom jinsabu ħafna mill-familji tagħna, ejjew inħossu l-ħtieġa li nduru lejn San Ġorġ, nippruvaw nimitaw dak li sar fil-familja tiegħu u, fuq kollox, nitolbuh l-interċessjoni tiegħu li qatt ma naqas li jagħtina mis-Sema.

Sa mis-seklu sbatax il-ktajjen ta' San Ġorġ fil-kunvent Grieg Ortodoss ta' San Ġorġ fil Kajr, fl-Eġittu, jintużaw minn ħafna ġenituri billi jlibbsuhom f'għonq uliedhom biex jitħarsu minn kull xorta ta' mard, partikularment il-mard tal-moħħ. Sal-lum folol ta' Kopti u Musulmani mill-Greċja, mil-Libanu, minn Ċipru, mill-Eġittu u minn kullimkien jersqu bil-fidi lejn San Ġorġ f'dan il-monasteru tas-seklu sebgħa b'uliedhom magħhom u bi trabi f'idejhom, l-aktar matul il-lejl tat-22 ta' April, biex jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ.

Fl-Indja, fir-reġjun ta' Kerala, hemm diversi knejjes sbieħ u kbar iddedikati lil San Ġorg li fihom eluf ta' persuni, mill-Indja kollha u minn pajjiżi qrib, jersqu jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ, l-aktar biex iħares lil uliedhom. F'Puthuppally il-knisja ta' San Ġorġ hi waħda mill-eqdem u mill-iktar magħrufin tal-Knisja Malankara Ortodossa. Din il-knisja hi r-rifuġju ta' eluf ta' persuni mid-dinja kollha li jfittxu l-ħarsien tal-qaddis martri. Il-festi li jsiru lil San Ġorġ jieħdu għaxart ijiem u r-reġistru li fuqu jinkitbu l-grazzji li jintalbu lil San Ġorġ fih eluf u eluf ta' każi li jitressqu mid-devoti lill-qaddis patrun, fil-maġġoranza tagħhom għandhom x'jaqsmu mat-trobbija u l-ħarsien ta' l-ulied.

Sa żminijietna, f'għar li minn fuq għolja jġib taħtu l-bajja sabiħa ta' Jounieh, qrib il-belt ta' Bejrut fil-Libanu, hemm xbieha ta' San Ġorġ li quddiemha jinxtegħlu mijiet ta' xemgħat, l-aktar f'Jum San Ġorġ, u fl-ilma li jnixxi mill-blat jinħaslu l-ħwejjeġ tat-trabi, biex jitbiegħdu minn kull xorta ta' mard.

Fl-Albanija, fil-Kosovo u fil-Maċedonja hemm diversi tradizzjonijiet marbutin ma' Jum San Ġorġ u mat-trobbija tat-tfal. F'Tetova, lejlet San Ġorġ jiġbru l-ilma mix-xmara Vardar, iħalltuh ma' fjuri ħomor u blanzuni li jkunu tfaċċaw mal-jiem tar-Rebbiegħa, u, hekk kif jisbaħ jum it-23 ta' April, jaħslu lit-trabi f'dak l-ilma li wara jintrema, bil-ħsieb li miegħu jarmu kull ma jista' jġib mard fuq it-trabi tagħhom.

Aħna m'għandniex bżonn l-ilma ta' xi xmara; għandna l-ilma tal-Magħmudija li ħafna minna rċivejna fit-tempju għażiż tagħna taħt il-ħarsa ta' San Ġorġ. U l-qawwa ta' dan is-sagrament, imsieħba minn talb mimli fidi u, naturalment, minn formazzjoni Nisranija tajba bħal dik li rċieva San Ġorġ mill-ġenituri tiegħu, hi biżżejjed biex ikollna tfal iffurmati u mrawmin sewwa fil-prinċipji Nsara.

Għalhekk nixtieq bil-qawwa kollha nistedinkom ilkoll biex fil-jum għażiż tat-23 ta' April – mingħajr ma neskludi l-fatt li dan nistgħu nagħmluh dejjem –, konxji mill-fatt li San Ġorġ kien kapaċi jirreżisti l-ħruxija tal-paganiżmu Ruman għax kien irċieva formazzjoni Nisranija tajba fil-familja tiegħu, induru lejn Ġorġi tagħna, niftakru fit-trobbija tajba



u qaddisa li tawh il-ġenituri tiegħu, u nitolbuh bil-kliem li spiss jinstema' f'din il-bażilika: "O Alla, lil San Ġorġ int qegħidthulna bħala protettur tal-belt tagħna; għall-imħabba tagħna lejh saħħaħ il-familji tagħna u agħmel minnu tarka kontra l-ħażen li qed jhedded lil uliedna, liż-żgħażagħ u 'l-miżżewġin tagħna". Fuq kollox tkun ħaġa tassew ta' min ifaħħarha jekk inkomplu bid-drawwa li kellhom il-familji ta' qabilna li fost l-ulied ikun hemm dejjem xi ħadd li jġib l-isem sabiħ ta' San Ġorġ. Dan jista' jgħin fil-formazzjoni ta' wliedna, għax ikun dejjem tifkira ħajja li lkoll kemm aħna, bħal San Ġorġ, jeħtieġ inkunu "ħaddiema ta' l-art spiritwali" tagħna u ta' l-oħrajn.

# Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ (2)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ II (1683-1760)



Ġorġ II ta' l-Ingilterra twieled nhar it-30 ta' Ottubru 1683 f'Herrenhausen, Hanover, iben ir-Re Ġorġ I u r-Reġina Sophia Dorothea minn Celle. Tela' fuq it-tron Ingliż wara l-mewt ta' missieru u kien inkurunat f'Westminster nhar il-11 ta' Ottubru 1727. Iżżewweġ lil Caroline, bint il-*Margrave* (ħakkiem) ta' Branderburg-Ansbach. Kellhom erba' subien u ħamest ibniet, u diversi tfal illeġittimi. Meta sar sultan sab l-għajnuna siewja tal-Prim Ministru Robert Walpole, wieħed mill-akbar mexxejja Ingliżi. Kompla l-gwerra kontra Spanja; din kienet aktar gwerra ta' rivalità kummerċjali milli xi ħaġa oħra. Meta nibtet il-Gwerra tas-Suċċessjoni Awstrijaka, l-Ingilterra mmexxija minnu ssimpatizzat ma' Maria Theresa kontra l-ambizzjonijiet tal-Prussja; b'hekk huwa tħabbeb ma' l-imperu tal-Habsburgi. F'din il-kwistjoni Ġorġ ħa sehem fil-battalja ta' Dettingen u b'hekk kien l-aħħar monarka Ingliż li ħa sehem fiżikament fi gwerra. Fi żmienu wkoll il-Prinċep Skoċċiż Bonnie Prince Charlie ġabar il-*clans* u mexxihom fi gwerra kontrih u niżel sa Derby. Imma f'Culloden l-Istuarts tilfu l-aħħar gwerra tagħhom u b'hekk ġiet fi tmiemha l-isfida ta' l-Istuarts u l-battalja tagħhom għall-akkwist tat-tron. Fi żmien Ġorġ II l-Indja u l-Kanada għaddew taħt il-ħakma Ingliża. Ġorġ kien ukoll ammiratur ta' George Frederick Handel, li fi żmienu kiteb il-famuż *Messiah*; meta dan sar għall-ewwel darba r-Re Ġorġ qam bil-wieqfa biex jesprimi l-istima li kellu lejh. Hu kkummissjona lil Handel biex jikteb biċċiet mużikali li silta minnhom instemgħet fit-Trattat ta' Aix-la-Chapelle fi tmiem il-Gwerra tas-Suċċessjoni Awstrijaka fl-1749. Hemm min jgħid li Handel kiteb il-*Water Music* għar-Re Ġorġ bħala rikompensa għat-tul ta' żmien li kien iqatta' f'Hanover u bogħod mill-Ingilterra. Kien fi żmien il-ħakma ta' Ġorġ II li John u Charles Wesley taw bidu għall-moviment Metodista li kien fil-bidu tiegħu fergħa tal-Knisja Anglikana. Fl-1757 William Pitt sar prim ministru ta' l-Ingilterra. Ġorġ miet fl-età ta' 76 sena, nhar il-25 ta' Ottubru 1760, fil-palazz ta' Kensington, u ndifen f'Westminster. Laħaq warajh it-tifel tat-tifel tiegħu bl-isem ta' Ġorġ III.



# BENEDITTU XVI F'MALTA: esperjenza "Ġorġjana" wkoll

***Francesco Pio Attard** jikkummenta fuq is-sehem tal-parroċċa ta' San Ġorġ fl-attivitajiet taż-żjara pastorali tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI fil-gżejjer Maltin, bejn is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' April 2010.*

B'dawn il-kelmiet (ara l-faċċata) il-Papa Benedittu XVI ħalla x-xtut tagħna fi tmiem żjara ta' Missier li ħalliet marka qawwija fuq id-destin ta' l-ulied spiritwali tiegħu f'dawn il-gżejjer. Il-waqfa qasira imma simbolika ta' Benedittu XVI f'Malta, biex ifakkar magħna l-1950 sena minn meta San Pawl ġarrab in-nawfraġju li ġabu fostna u xandrilna l-fidi fi Kristu, kienet mument ta' tiġdid għall-Knisja f'Malta u Għawdex, imma wkoll esperjenza qawwija għal ġens sħiħ. Anki għall-Għawdxin, li xtaqna wisq li naraw lis-Suċċessur ta' Pietru jirfes fuq artna anki għal ftit minuti biss, il-laqgħa lill-Papa kienet konferma ta' mħabba u fedeltà lejn il-Knisja. U nistgħu ngħidu li sehem Għawdex f'din il-ġrajja storika, li rat lil Benedittu XVI għall-ewwel darba fostna, ma kienx wieħed żgħir! Fil-qalba tal-preżenza Għawdxija fil-jumejn taż-żjara tal-Papa f'Malta – speċjalment waqt il-Quddiesa Pontifikali ta' fuq il-Fosos il-Ħadd 18 fil-għodu u l-Laqgħa maż-Żgħażagħ fuq ix-Xatt tal-Belt dak in-nhar stess fil-għaxija – nilmħu wkoll is-sehem kbir ta' membri mill-parroċċa ta' San Ġorġ.

Ftit ġimgħat wara, *Il-Belt Victoria* tħares lura biex taqsam magħkom il-qarrejja tagħna – u biex b'hekk tibqa' tifkira fl-istorja – l-esperjenza "Ġorġjana" taż-żjara tal-Q.T. Benedittu XVI f'Malta.

| | |
|---|---|
| **Andrew Formosa** | Kien involut sew fit-tħejjijiet loġistiċi u prattiċi għaż-żjara tal-Papa, fi ħdan l-uffiċċju mwaqqaf apposta b'kordinazzjoni bejn il-kumitat nazzjonali u dak interdjoċesan li ħejjew għaż-żjara tal-Papa. |
| **Dun Joseph Mercieca** | Għen lid-djaknu Maximillian Grech, mill-parroċċa tal-Katidral, jipprepara l-kant tal-Vanġelu li pproklama waqt il-Quddiesa tal-Papa. |
| **Il-Grupp ta' l-Armar tal-Bażilika ta' San Ġorġ** | Tella' s-sett ta' gandlieri "tal-festa" tal-bażilika ta' San Ġorġ u, minn kmieni qabel il-Quddiesa tal-Papa, ramahom fuq l-altar, magħmul kollu mill-kartun, fuq il-Fosos tal-Furjana. Il-gandlieri ġew ittrasportati lejn Malta fil-vann tal-parroċċa, mal-vapur tas-1.15am. Il-grupp, immexxi minn George Francis Vella, kien magħmul minn Francesco Pio Attard, David Camilleri, Noel Micallef u Stefan Scicluna. |
| **Noel Micallef** | Flimkien ma' Twanny Pulè, minn Bormla, kien wieħed mis-sagristana għas-servizz ta' l-altar waqt il-Quddiesa tal-Papa. Fost l-oħrajn, xegħel ix-xemgħa tal-gandlieri qabel il-Quddiesa. |
| **Dr John Galea** | Il-kompożizzjoni tiegħu *Missa In Fractione Panis*, Quddiesa *a quattro voci* li talterna mal-*Missa de Angelis*, miktuba fl-2009 fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali ta' l-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, ġiet magħżula mill-Kurja ta' l-Arċisqof biex tiġi esegwita waqt il-Quddiesa tal-Papa. Dr Galea kien responsabbli għall-għażla tal-koristi, fosthom bosta Għawdxin u parruċċani ta' San Ġorġ, u dderieġa l-eżekuzzjoni tal-Quddiesa fuq il-Fosos. |
| **Antoine Vassallo** | Qara, f'isem id-djoċesi Għawdxija u l-parroċċa ta' San Ġorġ, it-tieni qari, meħud mill-ktieb ta' l-Apokalissi (5:11-14), waqt il-liturġija tal-Quddiesa tal-Papa. |
| **Noel Galea** | Kanta s-Salm Responsorjali fil-Quddiesa tal-Papa. |
| **Dorienne Portelli** u **Richard Grech** | Kienu responsabbli mill-kor taż-żgħażagħ li kanta waqt il-Laqgħa tal-Papa maż-Żgħażagħ fuq il-*Valletta Waterfront*. Richard Grech mexxa l-*band* u daqq fuq il-pjanu, u għall-okkażjoni kkompona wkoll *Hallelujah*. Fil-kor taż-żgħażagħ kien hemm numru impressjonanti ta' Għawdxin, fosthom għadd imdaqqas ta' żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Ġorġ, li kważi kollha jkantaw fil-kor *Laudate Pueri*. Mariella Spiteri u Pamela Bezzina kantaw bħala solisti. Għall-attività attenda grupp imdaqqas ta' adolexxenti mill-parroċċa ta' San Ġorġ. |
| **Mons. Alfred Xuereb** | Bħala wieħed miż-żewġ segretarji personali tal-Papa, akkumpanja lil Benedittu XVI tul iż-żjara tiegħu f'Malta. |

Fil-parroċċa ta' San Ġorġ, bejn il-11 u s-16 ta' April 2010, ittellgħet ukoll **Ġimgħa ta' Tħejjija** għaż-żjara tal-Papa, li kienet tinkludi tliet konferenzi fuq it-tagħlim tal-Papa, li saru fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*, fis-7.15pm: it-Tnejn, mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia (Teoloġija Dommatika); it-Tlieta, mill-Kan. George J. Frendo (Teoloġija Morali); u l-Erbgħa, minn Dun Joseph Mercieca (Liturġija). Il-Ħamis, wara l-aħħar Quddiesa tal-jum, l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona għalaq jum ta' espożizzjoni solenni tas-Santissmu billi mexxa adorazzjoni Ewkaristika fi-bażilika, b'qari ta' siltiet mill-enċikliċi tal-Papa. Il-Ġimgħa, fis-7.30pm, il-kor *Laudatue Pueri* ħa sehem b'motetti sagri f'akkademja mużiko-letterarja fil-bażilika, li fetħet bi preżentazzjoni awdjo-viżiva fuq il-ħajja tal-Papa, u tulha nqraw xi siltiet mill-ktieb ta' Joseph Ratzinger *L-Ispirtu tal-Liturġija*, l-ewwel ktieb tiegħu maqlub f'ilsienna minn Dun Geoffrey George Attard. Matul il-ġimgħa kollha, fil-kappella ta' San Pawl kien hemm wirja oriġinali ta' inċiżjonijiet Pawlini mislufa lill-bażilika għall-okkażjoni mill-Prof. Joseph Vella. Il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet waħda mill-ftit parroċċi fiż-żewġ djoċesijiet li ħadu inizjattiva simili bi tħejjija formattiva għaż-żjara tal-Papa.



L-istazzjon tar-radju tal-komunità, *Leħen il-Belt Victoria*, xandar l-attivitajiet kollha taż-żjara, anki b'*video streaming* meħud mix-xandiriet ta' l-istazzjon televiżiv Taljan *Sat 2000*, u b'**kollegamenti diretti** fuq it-telefon minn Malta mill-korrispondent Francesco Pio Attard.

# Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex
## 1935-1943
### It-Tieni Parti (jaqbad mill-aħħar ħarġa)
Winston L. Zammit

**Attività pastorali**

Il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienet f'dak iż-żmien, kif għadha sal-lum, ċentru ta' attività pastorali, kif jidher minn dawn iċ-ċifri:

| Sena | Quddies | Tqarbin |
|---|---|---|
| 1938 | 6,418 | 94,500[30] |
| 1939 | 5,120 | 94,000[31] |
| 1946 | 4,800 | 90,500[32] |

Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienu jsiru wkoll attivitajiet b'rabta ma' l-Azzjoni Kattolika tar-Rabat. Hekk insibu li wara nofs in-nhar ta' l-20 ta' Frar 1938, wara diskors sabiħ fuq is-sinifikat taċ-ċerimonja li sar mill-arċidjaknu Mons. Giuseppe Pace JCD, segretarju ta' l-Isqof, saret iċ-ċerimonja tat-tesserament u t-tqassim tad-distintivi għall-membri u aspiranti fiċ-ċentru parrokkjali.[33]

Ċerimonja oħra ta' tesserament saret fil-21 ta' April 1940, u f'din l-okkażjoni d-diskors sar minn Dun Mikiel Azzopardi, viċi-assistent ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika.[34]

Attività oħra pastorali seħħet fil-21 ta' Mejju 1940 meta fis-6.00am l-Isqof Gonzi amministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil numru ta' subien u bniet.[35] Bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru ta' l-istess sena l-Isqof Gonzi għamel iż-żjara pastorali fil-parroċċa ta' San Ġorġ.[36]

**Il-festa ta' San Ġorġ**

Il-festa ta' San Ġorġ, titular tal-knisja parrokkjali, kienet tiġi ċċelebrata kull sena fir-raba' Ħadd fuq l-Għid il-Kbir, bl-intervent tal-kapitlu tal-Katidral wara stedina mill-Arċipriet, u bil-preżenza ta' Mons. Isqof.

Fl-1938 il-festa ġiet iċċelebrata l-Ħadd 15 ta' Mejju. Il-priedki tat-Tridu saru minn Dun Karm Caruana min-Nadur, u kull fil-għaxija wara l-funzjoni tal-knisja l-banda *La Stella* kienet iddoqq fi Pjazza San Ġorġ. Il-Ġimgħa 13 ta' Mejju fil-għaxija saret id-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ u fi Triq it-Tiġrija sar il-logħob tan-nar.[37]


L-isqof Mons. Mikiel Gonzi (1885-1984).

Is-Sibt 14 ta' Mejju wara li sar l-invit tas-soltu r-Rev. mu Kapitlu tal-Katidral mar fil-knisja ta' San Ġorġ fejn mexxa l-*Primi Vespri*.[38] Dak in-nhar fil-għaxija daqqew il-baned *La Stella* u *La Vittoria* (tal-Mellieħa) u wara kull banda għamlet programm. Wara li spiċċa l-innu mill-Banda *La Stella* sar il-logħob tan-nar fi Triq it-Tiġrija maħdum mid-dilettanti tat-Triq ta' l-Għajn.[39]

Nhar il-festa, il-15 ta' Mejju, sar il-Matutin bir-responsorju bil-mużika, u Quddiesa solenni bil-mużika li għaliha assista mit-tron l-isqof Mons. Mikiel Gonzi,[40] li fiha niseġ il-paneġierku l-kappillan tal-Fontana Dun Salv Scicluna. F'nofs in-nhar sar il-marċ mill-Banda *La Stella*.[41]

Fil-għaxija mbagħad saret il-purċissjoni bil-vara ta' San Ġorġ li tmexxiet mill-Isqof Gonzi bis-sehem tal-Banda *La Stella*, li daqqet l-innu kif tfaċċat il-vara u wara mxiet mal-purċissjoni.[42]

Fuq is-sena ta' wara, 1939, nafu li l-festa saret fis-6 u s-7 ta' Mejju. Niżel bħas-soltu l-kapitlu tal-Katidral jiffunzjona b'invit, u fil-ġurnata tal-festa l-isqof Mons. Mikiel Gonzi assista mit-tron għall-Quddiesa kantata, u fil-għaxija, assistit mill-kapitlu tal-Katidral, mexxa l-purċissjoni.[43]

F'Settembru 1939 bdiet il-gwerra mal-Ġermanja u din ġabet magħha r-restrizzjonijiet fuq il-festa esterna. Fl-1940, kemm minħabba dawn ir-restrizzjonijiet u l-bini tal-koppla, il-festa ta' San Ġorġ saret biss ġewwa l-knisja, fil-ġurnata propja tagħha (23 ta' April).[44]

**Il-festa ta' l-1941**

Il-festa ta' l-1941 saret f'xenarju kompletament differenti. F'Ġunju 1940 bdiet il-gwerra ma' l-Italja, u bdew niżlin il-bombi. Għawdex imtela bir-rifuġjati Maltin. F'Jannar 1941 bdew ir-rejds ħorox tal-Ġermaniżi li baqgħu sejrin sa Mejju. Kien f'dan ix-xenarju li ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 11 ta' Mejju.

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ l-isqof Mikiel Gonzi għamel appell lill-Għawdxin biex il-festa ta' San Ġorġ tkun jum ta' talb biex l-Ingilterra jkollha rebħa. It-Tridu beda l-Erbgħa 7 ta' Mejju u l-priedki saru mill-kappillan ta' Għajnsielem Dun Franġisk Mizzi. Il-Ħamis 8 ta' Mejju Mons. Penitenzier Mikiel Cefai, vigarju adjutur, għamel appell lin-nies miġbura fil-knisja biex il-jum tal-festa ta' San Ġorġ jiġi meqjus bħala jum ta' talb li fih wieħed jitqarben u jieħu sehem fil-purċissjoni devota tal-vara ta' San Ġorġ, li kellha ssir bir-Rużarju.

Sebaħ il-Ħadd 11 ta' Mejju 1941, Jum San Ġorġ, u sa nġib kelma b'kelma dak li qal il-kittieb Koli Apap:

> Imħeġġeġ mid-daqq ħelu tal-qniepen li bdew isemmgħu l-leħen ferrieħi tagħhom minn qabel tlugħ ix-xemx, nhar il-Ħadd li għadda mort fil-knisja sabiħa ta' San Ġorġ fil-belt Victoria fejn kien hemm miġemgħa kbira ta' nies minn kull naħa tal-gżira biex jagħtu qima u tifħir lill-qaddis patrun tagħhom San Ġorġ fil-jum tal-festa tiegħu.

Fil-jum tal-festa tqarbnu ħafna nies u l-paneġierku sar minn Patri Anġ Pizzuto OSA fil-preżenza ta' l-Isqof Gonzi,

il-kapitlu tal-Katidral, il-kleru u l-aqwa nies ta' Għawdex. Wara nofs in-nhar ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, li daret mat-toroq ewlenin tal-belt Victoria fost devozzjoni kbira. Fiha ħadu sehem l-Isqof Gonzi u l-kapitlu tal-Katidral.[45]

### Il-festa ta' l-1942

Ix-xenarju li fih ġiet iċċelebrata l-festa ta' l-1942 kien agħar minn dak ta' l-1941. F'Jannar 1942 kienu reġgħu bdew ir-rejds ħorox tal-Ġermaniżi, li laħqu l-eqqel tagħhom f'April 1942, meta nxteħtu b'sebat elef tunnellata bombi fuq il-gżejjer Maltin. Kien f'dan ix-xenarju ikrah li nhar it-3 ta' Mejju 1942 ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġorġ. Il-festa saret biss ġewwa l-knisja, iżda l-istoriku John Bezzina jgħidilna li l-istatwa ta' San Ġorġ inħarġet sal-bieb prinċipali tal-knisja.[46]

### Il-festa ta' l-1943

Hawnhekk ix-xenarju kien kompletament differenti, bir-rebħiet ta' l-Alleati fl-Afrika ta' Fuq fl-ewwel xhur, li kienu jinkludu r-rebħ ta' Tripli u Tunes fit-8 ta' Mejju 1943. Ma sibniex kronaka tal-festa, iżda fil-programm tal-festa ta' San Ġorġ (23 ta' Mejju 1943) sibna li kellha tieħu sehem il-Banda *La Stella*.[47]

### Il-Kwaranturi

Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ matul is-sena kienu jsiru diversi festi, fosthom dik tal-Kwaranturi li bl-impenn ta' l-Arċipriet Hili kienu jsiru b'solennità kbira. Fil-fatt wara l-festa tal-Kwaranturi ta' l-1938 ir-rivista *Ġesù Ewkaristija* ikkummentat hekk:

> Aħna nitolbu lil Ġesù Sagramentat li jagħti lil Mons. Arċipriet Hili ħajja twila sabiex dejjem ikompli jkabbar dawn il-Kwaranturi, li hu ried ikun biex ikollhom il-kobor li għandhom il-lum.[48]

Dawn il-Kwaranturi solenni kienu jsiru fil-Ħadd fl-Ottava ta' *Corpus Domini*. Kienu jsiru tliet priedki, li fl-1938 saru minn Patri Ġerardu Levanzin OFMCONV.[49]

L-għeluq ta' dawn il-Kwaranturi kien il-purċissjoni Ewkaristika mat-toroq tar-Rabat. Fl-1938 f'din il-purċissjoni ħadu sehem il-kleru sekulari u regulari, il-fratellanzi u s-seminaristi. Wara l-baldakkin imxew il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika.[50] Sentejn wara (1940) l-għeluq tal-Kwaranturi sar il-Ħadd 26 ta' Mejju b'dik li ġiet imfissra bħala *"grandiosa processione Eucharistica a San Giorgio"*.[51] Minkejja l-gwerra f'Ġunju 1941 il-purċissjoni tal-Kwaranturi reġgħet saret b'solennità kbira.[52]

### Purċissjonijiet mill-Katidral

Matul is-sena fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienu jidħlu diversi purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-knisja Katidrali. Sa nagħtu ftit eżempji kif dehru fir-rivista djoċesana *La Lucerna*.

**21 ta' Ottubru 1939:** Fil-Katidral saret il-festa ta' Sant'Ursola. Fil-għaxija l-isqof Mons. Mikiel Gonzi ħa sehem fil-purċissjoni li marret fil-knisja ta' San Ġorġ.[53]

**29 ta' April 1940:** Saret purċissjoni tar-Rogazzjonijiet mill-Katidral sa San Ġorġ.[54]

**23 ta' Mejju 1940:** Nhar il-festa ta' *Corpus Domini*, fil-Katidral sar pontifikal u wara purċissjoni Ewkaristika li marret fil-knisja ta' San Ġorġ.[55]

### Il-mewt ta' Mons. Hili

L-Arċipriet Hili miet fil-31 ta' Diċembru 1943 fl-età ta' tmienja u sebgħin sena, wara parrokat twil ta' kważi sebgħa u għoxrin sena.

Il-katavru tiegħu ttieħed fil-Katidral fix-xita u hemmhekk saru l-funerali tiegħu. Iżda l-knisja ta' San Ġorġ ma nsietx lil dan il-benefattur kbir tagħha. F'għeluq ix-xahar minn mewtu, fit-3 ta' Frar 1944, sarlu funeral kbir li għalih kienu preżenti Mons. Mikiel Gonzi, issa arċisqof ta' Malta, u l-parti l-kbira tal-kleru ta' Għawdex. L-orazzjoni funebri, li ġiet stampata, saret mill-vigarju kurat taż-żewġ parroċċi tar-Rabat, Mons. Mikiel Cefai, li ftit xhur wara kellu jkun is-suċċessur ta' Mons. Hili bħala r-ragħaj spiritwali taż-żewġ parroċċi tal-belt Victoria.[56]


ORAZZJONI FUNEBRI
B' TIFHIR
LIL MONS ALF. M. HILI
ARCIPRIET TAL-BELT VITTORJA
PRELAT DOMESTICU
LI NQRAT
FIL-FUNERALI SOLENNI
TA' GHELUQ IX-XAHAR MILL-MEWT TIEGHU
FIL-KNISJA PAR-LI TA' SAN GORG M.
FIT-3 TA' FRAR 1944
MINN
MONS. MICH. PENIT. CEFAI
VIGARJU KURAT.

VICTORIA PRESS
BY
JOE GRECH CASSAR
VICTORIA - GOZO.


NITOLBU BIL QALB
IL-MISTRIEH TA' DEJJEM
GHAR-RUH GHAŻIŻA
TAL-HABRIEKI RAGHAJ TAGHNA
TAT-TAJJEB MISSIERNA
REV. MU. ALFONS. M. HILI
ARCIPRIET - KAPPILLAN
TAL BELT VICTORIA
LI, TA 79 SENA
FIL 31 TA' DICEMBRU 1943.
GHANI BI KBAR MERITI
TELAQ GHAL HDAN ALLA
U HALLIENA ILTIEMA
NIBKU IT-TELFA TIEGHU.
R. I. P.

L-Orazzjoni Funebri f'ġieħ Mons. Alfons Maria Hili u s-santa tal-mewt tiegħu.

**Ħajr għar-ritratti:** Patri Martin Micallef OFMCAP (Arkivju Franġiskani Kapuċċini, il-Furjana); Kan. Dumink Camilleri.

### Riferenzi


30 *La Lucerna*, Lulju 1938, 155.
31 *L-Ewkaristija*, Marzu 1939.
32 Ibid, April 1940, 42.
33 *La Lucerna*, Marzu 1938, 71.
34 Ibid, Mejju 1940, 124.
35 Ibid, Ġunju 1940, 148.
36 Ibid, Novembru 1940, 244.
37 *Il-Berqa*, 18 ta' Mejju 1938, 7.
38 *La Lucerna*, Ġunju 1938, 144.
39 *Il-Berqa*, 18 ta' Mejju 1938, 7.
40 *La Lucerna*, Ġunju 1938, 144.
41 *Il-Berqa*, 18 ta' Mejju 1938, 7.
42 Ibid.
43 *La Lucerna*, Ġunju 1939, 176.
44 *La Lucerna*, Mejju 1940, 124.
45 *Leħen is-Sewwa*, 10 ta' Mejju 1941, 2; 15 ta' Mejju 1941, 4.
46 JOHN BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajja tal-bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex, 1500-1964*, Malta, 19.
47 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
48 *Ġesù Ewkaristija*, Lulju 1938, 51.
49 *La Lucerna*, Lulju 1938, 166.
50 *Ġesù Ewkaristija*, Lulju 1938, 51.
51 *La Lucerna*, Ġunju 1940, 148.
52 *Leħen is-Sewwa*, 21 ta' Ġunju 1941, 4.
53 *La Lucerna*, Novembru 1939, 312.
54 Ibid, Mejju 1940, 124.
55 Ibid, Ġunju 1940, 148.
56 CEFAI, *Orazzjoni*, 16, 17.

Qaddisin "Ġorġjani"
RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU
26



*Antoine Vassallo*

# San Lazzru ta' Betanja

## (tifkira liturġika fid-29 ta' Lulju)

Kif nafu mill-Evanġelisti, Ġesù kellu tlitt iħbieb f'Betanja, raħal fit-trufijiet ta' Ġerusalemm, li ta' spiss mar għandhom: l-aħwa Marija, Marta u Lazzru. Imbagħad fil-ħdax-il kapitlu ta' San Ġwann insibu s-"sinjal" il-kbir: Lazzru jmut u Ġesù jqajmu mill-qabar erbat ijiem wara li miet. F'dan l-episodju tispikka sew l-umanità ta' Ġesù – anki "beka", fl-iqsar versett tal-Bibbja – flimkien mal-qawwa divina tiegħu. Dan il-miraklu, li serva ta' okkażjoni għal tagħlim profond, kompla ħarrax lill-mexxejja tal-Lhud kontrih; anzi wassal lis-Sanhedrin biex jiddeċiedu li joqtluh, u tħajru li jeħilsu minn Lazzru wkoll. Dan hu eżempju ta' l-ironija ta' dan l-Evanġelista: il-Mulej jagħti r-rigal tal-ħajja li jġiblu l-konsegwenza ta' mewtu stess.



Propjament m'hemm xejn iktar fiċ-ċert fuq Lazzru, ħlief li iktar tard kien għall-ikla fejn Marija ħaslet saqajn Ġesù b'żejt prezzjuż. Iżda tant hu persunaġġ magħruf li żviluppaw bosta leġġendi fuq din il-familja. Saħansitra tħawwad ukoll ma' Lazzru tal-parabbola tal-fqir u l-għani, fis-sittax-il kapitlu ta' San Luqa. Skond opinjoni mifruxa fost l-istudjużi, ir-raħal ta' al-Eizariya, fix-Xatt tal-Punent, ħa post Betanja (fil-fatt ifisser "l-imkien ta' Lazzru"), u bosta huma dawk anki Misilmin Xiti, li jqimuh ukoll bħala qaddis – li jżuru qabru hemm. Fuqu eżatt hemm moskea, iżda maġenbha għandna knisja mibnija f'nofs is-seklu l-ieħor mill-Franġiskani fuq is-sit ta' oħrajn eqdem (San Ġlormu jsemmi *Lazarium* fi tmiem ir-raba' seklu); fil-qrib teżisti wkoll oħra Ortodossa iktar reċenti.

Fost leġġendi magħrufa hemm dawk li Lazzru "ta' l-erbat ijiem", wara li kellu jaħrab minn pajjiżu, sar isqof ta' Kittim (jew Larnaka, fil-gżira ta' Ċipru) għal xi tletin sena u ta' Marsilja (fi Franza); diffiċli biex it-tnejn ikunu korretti! L-ewwel tradizzjoni hi stabbilita sew fost l-Ortodossi, li żejnuha b'bosta dettalji: ordnah San Pawl u l-palju veskovili tathulu l-Verġni Mbierka nfisha meta żaritu. Ikomplu jgħidu li l-ħsieb ta' l-erwieħ indannati li ra waqt li kien mejjet ma ħallieh mank jitbissem darba! Fit-18 ta' Ottubru jagħmlu t-tifkira ta' meta għadmu ttieħed mill-Imperatur lejn Kostantinopli wara li fi tmiem is-seklu disgħa nstab qabru f'Larnaka; il-lum hemm knisja Ortodossa ta' valur storiku-artistiku ddedikata lilu, anki b'ikona importanti ta' San Ġorġ. Żieda mal-leġġenda tispjega li dawn ir-relikwi ttieħdu minn Kostantinopli lejn Marsilja b'riżultat tar-Raba' Kruċjata fil-bidu tas-seklu tlettax.

Il-leġġenda "alternattiva" tifforma parti minn storja wiesgħa: tirrakkonta li t-tliet aħwa, flimkien ma' bosta dixxipli oħra ta' Ġesù, intreħew fuq dgħajsa li, wara vjaġġ mirakuluż, wasslithom fuq ix-xatt tal-Provenza, naħat li ngħataw l-isem Saintes-Maries. Lazzru mar jippriedka lejn Marsilja, ikkonverta ħafna u sar l-ewwel isqof. Wara li sofra taħt Neruni, qatgħulu rasu waqt il-persekuzzjoni ta' Domizjanu fil-ħabs imsejjaħ *Saint-Lazare* għalih. Ġismu midfun fil-katidral ta' Autun, propjament iddedikat lil San Nażarju; iżda f'Marsilja jingħad li hemm rasu u fl-Abbazija ta' Vezelay jeżisti qabar tiegħu. Forsi jixraq inżid li xi studjużi jaħsbu li isem Lazzru ta' Betanja tħawwad ma' ta' ċertu Lazzru, isqof tal-belt ta' Aix, li nafu li ġie ordnat f'Marsilja fil-bidu tas-seklu ħamsa u anki għamel xi żmien il-Palestina.

Barra xi riferenza fil-funerali, diversi denominazzjonijiet Insara jagħtu qima lil San Lazzru, l-irxuxtat mill-Mulej u ħabibu. Fil-fatt hemm fejn lejlet Ħadd il-Palm hu msejjaħ "Sibt Lazzru" u donnu jservi ta' qasma bejn ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. L-innijiet tal-jiem ta' qabel jittrattaw il-marda u l-mewt tiegħu, waqt li s-Sibt jenfasizzaw li l-qawmien ta' Lazzru kien prefigurazzjoni tal-Qawmien ta' Ġesù, b'wegħda wkoll tal-qawmien tagħna. Fost l-Ortodossi Russi xterdet id-drawwa li dak in-nhar jieklu l-kavjar, bajd tal-ħut li għandu bosta simboliżmi! San Lazzru m'għadux fil-Kalendarju Universali tal-Knisja Kattolika, iżda f'Kuba, ngħidu aħna, id-data "l-qadima" tas-17 ta' Diċembru żammewha festa, b'pellegrinaġġ popolarissmu lejn kappella 'l barra mill-kapitali Avana. Naf ukoll fejn dak in-nhar ibierku l-klieb, b'rabta mal-parabbola. L-Anglikani u Protestanti oħra, kif ukoll l-Ordni Benedittin, jikkommemoraw lit-tliet aħwa ma' xulxin fid-29 ta' Lulju. Hu persunaġġ anki fir-reliġjon imsejħa Santerija, b'oriġni Afrikana, mifruxa fil-Karibew. Għal raġuni ovvja l-isem Lazzru, li bil-Lhudi jfisser "Alla għen", ingħata lil fenomeni xjentifiċi, bħal ngħidu aħna (fil-

# ROKNA għat-tfal



Kif intom, għeżież ħbieb? Nittama li tinsabu tajbin!

Ċert li taqblu miegħi li ninsabu fi żmien sabiħ tas-sena: ir-Rebbiegħa, meta l-kampanja tkun miksija bi twapet ħodor tal-ħaxix u t-temp jibda jisħon xi ftit, u x-xita titbiegħed u f'kemm trodd salib insibu ruħna resqin lejn is-Sajf.

Għadna kemm ħriġna mill-festi ta' l-Għid u mill-festa liturġika tant għażiża tal-Patrun tagħna San Ġorġ. F'dawn il-jiem ħafna minnkom irċivew ukoll għall-ewwel darba lil Ġesù Ostja fis-sider tagħhom, u oħrajn għamlu wkoll il-Griżma ta' l-Isqof. Importanti issa li tgħożżu dawn iż-żewġ sagramenti tassew sbieħ li jkomplu jsaħħuna fit-twemmin tagħna. Issa araw li lil Ġesù tagħmlu l-almu tagħkom li tirċevuh ta' spiss fis-sider tagħkom; l-oħrajn jaraw li jiddefendu lil Ġesù u mhux joffenduh, għax il-Griżma ta' l-Isqof tagħmilna suldati ta' Kristu bħalma kien il-Patrun tagħna, il-Megalomartri San Ġorġ, li għall-Imgħallem tiegħu qassam ġidu lill-fqajrin u spiċċa biex ħa l-martirju.

Ftit ġimgħat oħra jitgerbu malajr u nsibu ma' wiċċna l-festa tagħna, li dejjem tiġi matul it-tieni ġimgħa ta' Lulju. Importanti li minn issa tibdew tħejju għal din il-festa hekk kbira fil-gżejjer tagħna. Qabel, iżda, tinsewx li fadlilkom l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Jekk tridu tgħaddu festa kuntenti u Sajf bla ebda xkiel u ħsieb, l-ewwel tridu tkomplu tistudjaw biex tmorru sewwa fl-eżamijiet tagħkom. Tinsewx x'jgħid il-qawl Malti: "Li tiżra' taħsad"!

Bla dubju li għadha f'moħħkom ukoll iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI fil-gżejjer Maltin. Rajt ħafna minnkom Malta, fuq il-Fosos tal-Furjana. Sewwa għamiltu, ladarba l-Papa ma kellux ħin jixref sal-gżira tagħna fil-ftit sigħat li dam hawn. Għalkemm ma ġiex, xorta Għawdex tagħna kien preżenti. Jien ċert li ħafna minnkom innutaw is-sett gandlieri li kien hemm fuq l-altar; dawn issellfuhom mill-knisja tagħna. Il-mużika tal-Quddiesa kitibha Għawdxi u parruċċan bħalna, is-surmast John Galea, li anki dderiega l-kor. Antoine Vassallo, mill-parroċċa tagħna wkoll, qara t-tieni lezzjoni fil-Quddiesa. U bla dubju ta' xejn stajtu taraw il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu li l-Papa kompla żejnu billi tah il-Warda tad-Deheb bħala tifkira. Mill-parroċċa tagħna wkoll kien hemm diversi żgħażagħ, fosthom Dorienne Portelli li mexxiet il-kant fuq il-*Valletta Waterfront*, u Richard Grech fuq il-pjanu. Fil-parroċċa tagħna għamilna wkoll ġimgħa ta' attivitajiet bi tħejjija għall-miġja tal-Papa fostna. Kollox għadda u mar. L-importanti li nkomplu nitolbu għall-Papa biex il-Mulej iżommu f'siktu u jżejnu bl-għomor u s-saħħa.




disinn ta' Angela Gatt, Year 6.

*Iz-Ziju Joe*

## Kompetizzjoni

Biex inħajjar ħafna minnkom jieħdu sehem, din id-darba nixtieq biss minn għandkom tmien proverbji Maltin. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria, VCT 2111, Għawdex. Żmien għandkom **sal-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2010**. Fost dawk li jwieġbu tajjeb jitla' bix-xorti r-rebbieħ li jingħata rumanz bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin*.



Palentoloġija) fossili li jerġgħu jitfaċċaw żmien wara li jkunu jidhru li għosfru.

M'humiex ftit ix-xogħlijiet letterarji li jsemmuh; anzi fir-rumanz ta' Dostojevski *Delitt u kastig* hemm diskussjoni sħiħa fuqu. Lanqas huma neqsin pitturi famużi, fosthom waħda ta' Caravaggio. It-tnejn li għandna fil-bażilika ta' San Ġorġ m'humiex tant magħrufa barra, iżda għandhom l-importanza tagħhom. Fil-fatt ta' San Ġorġ hu l-uniku altar iddedikat lilu f'pajjiżna, fatt li wassal lill-Prijorat Malti ta' l-Ordni ta' San Lazzru, li oriġina minn lebrożarju f'Ġerusalemm fi żmien il-Kruċjati, biex jisponsorja r-restawr tal-kwadru l-qadim; kien tpitter fil-bidu tas-seklu sbatax fl-okkażjoni tat-twaqqif fil-parroċċa tal-fratellanza ddedikata lil dan il-qaddis, b'mira ta' opri tal-karità u allura magħrufa anki bħala "tal-Karità". Il-pittura li ħadet postu x'aktarx hi ta' valur artistiku ogħla, xogħol ta' Giuseppe d'Arena, li minn idu ħareġ anki l-kwadru ta' l-altar ta' Santa Katarina.

Nagħlaq billi nirrikmandalkom li taraw l-artiklu tal-Kav. Dr Savona-Ventura fil-ktieb tal-festa ta' San Ġorġ 2009 maħruġ mis-Soċjetà *La Stella* (pp. 113-115). In-nutar Dr Paul George Pisani kellu wieħed bl-Ingliż fl-2007.

Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd

LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA | 6

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
COHESION FUND
MALTA 2007-2013

*Antoine Vassallo*

# Intoppi

L-aħħar darba semmejt bi pjaċir id-data tas-6 ta' Marzu 2010 meta fuq is-sit tfaċċa l-bennej Anthony Vella (ta' *Vella Construction Services Ltd*) biex – bis-sapport ta' bosta – gabar il-bicciet ta' l-altar halli jkun jista' jibda x-xogħol propju tat-twaqqigħ. Komplejna ħidma preparatorja, inkluża polza ta' l-assigurazzjoni; iżda fil-kumitat iddeċidejna li jaqbel li nħallu tintemm il-Ġimgħa Mqaddsa, bil-bosta attivitajiet tagħha. Sadanittant il-Fondazzjoni ħadet sehem f'seminar biex jispjegawlna r-rapporti mistennija minna; mort ma' Joe Attard.

U allura t-Tlieta 6 ta' April 2010 inġiebu l-inġenji – wara nofs in-nhar, biex jinħoloq inkonvenjent mill-inqas – u sintendi bdew billi qalgħu l-bieb li jagħti għas-sit. Iż-żarmar tkompla l-Erbgħa minn kmieni. Għalkemm is-sengħa u l-prudenza kienu jitolbu ħidma bil-mod u b'attenzjoni, l-affarijiet kienu mexjin b'ritmu tajjeb, għas-sodisfazzjon ta' kull min irid il-veru ġid ta' gżiritna, u mhux biss tal-parruċċani! U jixraq nesprimi r-ringrazzjament għall-kollaborazzjoni ta' kull xorta li sibna.

Sfortunatament inqala' intopp legali li ostakolana u wassal biex, wara ftit sigħat, kellna nissospendu. Nittamaw li dan id-dewmien ma jirriżultax fi problemi insormontabbli li jżommuna milli nakkwistaw dawn il-fondi mill-programm ta' l-*ERDF* ta' l-Unjoni Ewropea, amministrati f'Malta mill-*PPCD* (fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru). Anzi, nirsistu għal iktar għajnuna! Sadanittant irridu nkomplu biex, malli tiġi solvuta din il-biċċa, nippruvaw nirkupraw iż-żmien moħli, jew kemm jista' jkun minnu.

Minkejja dawn l-intoppi (jingħad li x-Xitan ma jaħmilx opra li sa tħalli l-ġid!), nerġa' nħeġġiġkom biex tippartecipaw fl-iskema *150 agħmilhom elf*. Din hi bbażata fuq ir-rata ta' *grant* ta' 85% ta' l-infiq, ovvjament biss dak li hu inkluż fil-ftehim dettaljat. Qegħdin nistednukom issiru membri tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*: thallsu €150 (anki maqsuma) u, barra s-sħubija, takkwistaw ktieb u jedd biex iżżuru l-mużew b'xejn għal għomorkom. Ovvjament, bħala benefatturi, tibbenefikaw mit-talb li jsir, u titniżżlu fil-"Ktieb tad-Deheb"! Nerġa' ninkludi n-numri tal-kontijiet bankarji fejn tistgħu tiddepożitaw l-ghotja; iżda x'aktarx tippreferu tkellmu personalment lill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia (Kordinatur tal-Proġett) jew xi ħadd ieħor mill-kumitat. Dan l-aħħar komplejna saħħaħnieh billi tkabbar (Joe Attard hu wieħed minn dawn ta' l-aħħar): dan ukoll hu mezz kif tippartecipaw; toqogħdux lura jekk tħossu li għandkom ħin jew suġġerimenti x'toffru! Iktar tard sa nistednukom toffru oġġetti għall-wiri, b'self jew donazzjoni; għalissa nerġa' nsemmi l-possibbiltà li l-parroċċa u l-mużew issemmuhom fit-testment. Din l-idea ġa kienet fil-ħarġa ta' qabel, u rreferejt, bħala eżempju mill-isbaħ, għal Marija Cutajar li "ħalliet ir-residenza".

Peress li l-bord editorjali rċieva ittra ta' oġġezzjoni fuq dawn il-kelmiet, jixraq li nippreċiża li l-testment tagħha jgħid eżatt hekk: "Inħalli b'titolu ta' legat lill-knisja... ta' San Ġorġ... l-ishma tiegħi kollha u d-drittijiet kollha relattivi mid-dar". Dan kollu sintendi diġà espandejt fuqu fil-programm tiegħi ta' kull nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria*. Jidhirli li ma jkunx prudenti jissemmew il-punti l-oħra mqanqlin, anki għax m'għandi interess nitfa' dawl ikrah fuq ħadd.

Għal min jieħu gost jiġbor kull materjal stampat, niġbed l-attenzjoni li l-ewwel numru ta' fuljett *Mużew għall-bażilika tagħna* tqassam mal-bulettin parrokkjali tal-11 ta' April 2010. F'dan l-ewwel numru ġibna l-isem ta' erbgħa milli diġà taw donazzjoni finanzjarja: kienu biss eżempju, forsi qabżilna xi żball ukoll! Ma naħsibx li hemm bżonn nenfasizza li lista sħiħa (ħlief ovvjament min wera l-preferenza li jibqa' anonimu) nippubblikawha iktar tard.

Intemm billi nżid li dak in-nhar stess deher riklam b'sejħa għall-offerti għall-kumplament tal-bini: ġebel u konkrit 'il fuq mit-triq. U għad fadal ħafna iktar!


MUŻEW GĦALL-BAŻILIKA TAGĦNA
Fuljett ta' tagħrif maħruġ mill-Fondazzjoni Belt Victoria
Fil-Fehma tal-Fuljett
DONAZZJONIJIET GĦALL-MUŻEW
Mons. Ġużeppi Farrugia: €450
Rose Cefai: €150
Joseph Cini: €1000
Raymond Attard: €150
Iktbulna
Indirizz:
It-Tieni Sular, Fuq Leħen il-Belt Victoria,
Pjazza San Ġorġ, Victoria VCT 1101, Għawdex.

**Kontijiet Bankarji**
APS: 20000866897, BOV: 40018670408,
HSBC: 071227912001, LOMBARD: 01174600345O1

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# TISLIBA



## Mimdudin
2 Jintuża fix-xogħol tal-bini. (7)
3 Ikunu fuq l-altar fl-Offerti. (10)
8 Persunaġġ mill-Bibbja. (6)
10 Naħa tal-warda ta' l-irjieħ. (6)
12 Wieħed mill-Kotba Mqaddsa. (10)
18 Hekk tilħaq qabel saċerdot. (6)
20 Qiegħda fil-kontinent Asjatiku. (5)
21 Tiġi organizzata biex jinġabru xi fondi. (8)
22 *Il-Belt Victoria* għandha ħafna minnhom. (8)
24 Post. (3)
25 Raħal Għawdxi. (5)
26 M'hux sabiħ. (5)
27 Issir ukoll fis-silenzju. (11)

## Weqfin
1 Tista' tieħu fit-tul. (6)
2 F'dan il-pajjiż insibu tradizzjonijiet marbutin ma' Jum San Ġorġ. (6)
4 Jintuża l-aktar fis-Sajf. (5)
5 Ġieli jinqalgħu waqt xi proġett. (7)
6 Raħal fit-trufijiet ta' Ġerusalemm. (7)
7 Kunjom. (9)
9 Fejn wieħed joqgħod. (9)
11 Ġiet armata għall-Quddiesa Papali. (7)
13 Jgħinu ħafna fil-festi. (10)
14 Importanti ħafna. (12)
15 Hekk huma l-għalliema. (9)
16 Mad-dinja kollha. (10)
17 Materjal. (5)
19 Ġisem bla ħajja. (7)
21 Jista' jkun kiefer ħafna. (4)
23 Hekk jissejjaħ San Ġorġ, kontra l-qawwiet tal-ħażen. (5)

### Premju
Ktieb interessanti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ miktub mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.



### Riżultati tat-Tisliba ta' Jannar-Frar 2010
**Ħadd ma rebaħ din it-tisliba.**

**MIMDUDIN:** 1) fidda; 8) Palermo; 9) funeral; 10) formoli; 12) Protestanti; 13) koppla; 15) martri; 17) kummissjoni; 20) omelija; 22) Alagoas; 23) tjubija; 25) riċentement; 26) kleru.
**WEQFIN:** 2) duka; 3) qalb; 4) aħmar; 5) familja; 6) Settembru; 7) Franċiż; 11) miljun; 12) periferika; 13) kontinent; 14) palk; 16) filosofija; 17) kurja; 18) Melbourne; 19) avvanzat; 21) bennej; 24) isem.

**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba - Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' *email* lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2010.**
Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

FRAR - MARZU 2010

*Andrew Formosa*



**2 ta' Frar**

**06.00pm:** Fil-festa tal-Preżantazzjoni tal-Mulej, magħrufa aħjar bħala l-Gandlora, l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Dak in-nhar, wara l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata, iżżarma wkoll il-presepju ġdid li kien armat fil-kappella ta' Ġesù u Marija.

**10 ta' Frar**

**09.00am:** Fis-solennità tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**10 ta' Frar-12 ta' Frar**

**06.00pm:** Ġie ċċelebrat fil-bażilika t-Tridu mqaddes bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes. L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa dawn it-tliet Quddisiet kantati bl-omelija, li ntemmu bl-adorazzjoni u l-barka Ewkaristika.

**12 ta' Frar**

**Fil-għodu:** Fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex miet il-Kan. Ġwann Scicluna, fl-età ta' 78 sena.

**13 ta' Frar**

**02.30pm:** It-tebut bil-ġisem tal-Kan. Ġwann Scicluna tqiegħed fil-kappella tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fi Triq Palma.

**03.15pm:** Il-kapitlu u l-kleru tal-bażilika ħarġu mill-bażilika u mxew proċessjonalment lejn il-kappella tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fejn tkanta l-Uffiċċju tal-Mejtin.

**03.45pm:** Il-korteo bit-tebut tal-Kan. Scicluna telaq mill-istess kappella u għadda minn Triq ir-Repubblika lejn Pjazza San Ġorġ. Tul il-korteo l-i*Schola Cantorum Gregoriana* kantat is-salm tal-*Miserere*.



**04.00pm:** L-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa l-Quddiesa tal-Funeral solenni tal-Kan. Ġwann Scicluna, li fiha kkonċelebraw bosta saċerdoti mid-djoċesi, fosthom rappreżentanti ta' parroċċi, knejjes u istituti fejn Dun Ġwann kien imur iqarar.

**05.15pm:** L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia akkumpanja t-tebut lejn iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, tar-Rabat, fejn saret id-difna.

**06.00pm:** Fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes, l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Il-purċissjoni *aux flambeaux* li kellha toħroġ fis-7.00pm ma saritx minħabba x-xita.

**16 ta' Frar**

**08.00pm:** Inħareġ fil-kor tal-bażilika l-Kurċifiss mirakoluż għal tul iż-żmien kollu tar-Randan.

**17 ta' Frar**

**06.00pm:** Beda ż-żmien liturġiku tar-Randan imqaddes, b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li fiha sar ir-rit tar-rmied, li, nhar Ras ir-Randan, sar tul il-Quddies kollu.

**18 ta' Frar**

**05.30pm:** Bdiet issir il-*Via Sagra* quddiem l-erbatax-il stazzjon tal-bażilika bis-sehem ta' rappreżentanti tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, u hekk baqgħet issir tul il-jiem kollha tar-Randan imqaddes.

**21 ta' Frar**

**04.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-Għasar, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Hekk baqa' jsir f'kull Ħadd tar-Randan.

**22-26 ta' Frar**

**04.15pm:** Sar l-ewwel kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, li kien l-ewwel minn żewġ korsijiet għal kulħadd. Il-priedki, mill-kappillan ta' San Lawrenz Dun Injazju Borg, saru fil-bażilika.

**25 ta' Frar**

**06.00pm:** Iltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia.*

**27 ta' Frar**

**07.00pm:** Dun Ġużepp Gauci mexxa laqgħa ta' formazzjoni spiritwali għall-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*.

**07.30pm:** L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa laqgħa ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ, fid-dar parrokkjali.

**1-4 ta' Marzu**

**07.30pm:** Sar it-tieni kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, li kien għall-koppji miżżewġa. Il-priedki, minn Patri Marcello Ghirlando OFM, saru fil-bażilika.

**5 ta' Marzu**

**06.00pm:** Saret laqgħa oħra ta' formazzjoni spiritwali għall-membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss, fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*, li tmexxiet minn Dun Ġużepp Gauci.

**6 ta' Marzu**

**09.00am:** Beda x-xogħol ta' żmantellar u tneħħija ta' materjal mill-postijiet magħrufa bħala "Ta' Lurieta" u "Tal-Qormi", fi Triq il-Karità, is-sit fejn ser jinbena l-mużew tal-bażilika mill-*Fondazzjoni Belt Victoria*.

**8 ta' Marzu**

**07.30pm:** Sar it-tielet kors ta' eżerċizzi spiritwali, li kien għall-adolexxenti. Il-priedki, minn Dun Geoffrey G. Attard, saru fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia* taċ-ċentru parrokkjali. Dawn l-eżerċiżżi kienu animati, anki bl-għajnuna ta' mezzi awdjo-viżwali, miż-żgħażagħ tal-Grupp *23four>>*.

**12-13 ta' Marzu**

Sar *live-in* tar-Randan għaż-żgħażagħ tal-parroċċa f'*Dar Stella Maris*, fiż-Żebbuġ, li kien jinkludi taħdita minn Patri Peter Paul Cachia OSA, Quddiesa ċċelebrata mill-Kan. George J. Frendo, mumenti ta' talb u adorazzjoni, kif ukoll *Via Crucis*.

**15-19 ta' Marzu**

**07.30pm:** Sar ir-raba' kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Radan, li kien it-tieni wieħed għal kulħadd. Il-priedki, mill-Kan. Eddie Zammit, saru fil-bażilika.

**19 ta' Marzu**

**09.00am:** Fis-solennità ta' San Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Marija, l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**19-27 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet, akkumpanjat minn Dun Ġwann Vella, mexxa l-ewwel Quddiesa tas-Settiena tad-Duluri, li għaliha kienu mistiedna u attendew il-koppji għarajjes li għamlu l-kors ta' tħejjija għaż-Żwieġ fil-parroċċa. Fi tmiem il-Quddiesa l-Arċipriet qassmilhom ċertifikat ta' l-attendenza, u David Grech, f'isem il-koppji kollha, għamel riflessjoni qasira fuq l-esperjenza. Wara, l-Arċipriet u l-koppji ħarġu jieklu flimkien.



**20 ta' Marzu**

**6.30pm:** Mons. George Bezzina mexxa t-tieni jum tas-Settiena tad-Duluri, b'Quddiesa kantata bl-omelija, u hekk kompla sa tmiem is-Settiena. Wara l-Quddiesa tat-tieni jum saret purċissjoni mat-toroq ta' madar il-bażilika bit-talba tal-*Via Matris*. Saru seba' waqfiet quddiem slaleb mixgħulin tul ir-rotta, fejn saru xi meditazzjonijiet fuq is-seba' duluri tal-Verġni Mbierka u ngħad ir-Rużarju mqaddes.

**21 ta' Marzu**

**08.00pm:** Sar kunċert ta' mużika reliġjuża fil-bażilika, imtella' mill-*Orchestra di Fiati*, taħt id-direzzjoni ta' Maurizio Managò, Giacomo Cassalia u Patrizia Campolo.

**22-25 ta' Marzu**

**4.15pm:** Sar il-ħames u l-aħħar kors ta' eżerċizzi spiritwali tar-Randan, li kien għat-tfal tal-parroċċa. Il-priedki, minn Patri Peter Paul Cachia OSA, saru fis-sala taċ-ċentru parrokkjali. Dawn kienu animati apposta għat-tfal, b'kant, mużika u preżentazzjonijiet awdjo-viżwali, waqt li t-tfal kull darba kienu mistednin iġibu magħhom xi ħaġa marbuta mas-suġġett u fl-aħħar tal-kors joħolqu kartonċina kbira bl-istampi li tqassmulhom.



**25 ta' Marzu**

**09.00am:** Fis-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, l-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**06.00pm:** Fis-sular ta' isfel ta' *Dar Leħen il-Belt Victoria* ġiet inawgurata mis-Sindku tar-Rabat Dr Samuel Azzopardi l-wirja *Sitio – Għandi l-Għatx!*, imtella' minn xi żgħażagħ tal-parroċċa. Il-wirja, bi statwi u oġġetti tal-Passjoni kif ukoll rikostruzzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej, baqgħet miftuħa sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

**28 ta' Marzu**

**10.45am:** Fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu, l-Arċipriet mexxa l-funzjoni tat-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ, fil-preżenza tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, u t-tfal tal-parroċċa. Wara, il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm imxiet lejn Pjazza San Ġorġ minn Pjazza Indipendenza u Triq ir-Repubblika.

**11.00am:** L-Arċipriet mexxa l-funzjoni tat-Tifkira solenni tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li tulha nqara r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej.



**29 ta' Marzu**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-belt Victoria, bis-sehem tas-saċerdoti tal-parroċċa u tal-komunità Franġiskana Konventwali.

**07.00pm:** Mill-knisja ta' San Franġisk telaq lejn il-bażilika pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur, li matulu nqraw talbiet mill-kitbiet ta' Dun Ġorġ Preca u ngħadet ukoll it-talba tar-Rużarju mqaddes. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, Patri George Attard OFMCONV, gwardjan tal-Franġiskani Koventwali tar-Rabat, ta l-barka Ewkaristika fil-bażilika.

**30 ta' Marzu**

**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa ċelebrazzjoni penitenzjali fil-bażilika ta' San Ġorġ, li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali l-kandidati tal-Konfirmazzjoni, u tulha membri tal-kleru parrokkjali kienu disponibbli għall-Qrar.

**08.30pm:** Fid-dar parrokkjali saret *L-Ikla tal-Mulej* skond ir-Rit Lhudi, organizzata mill-Grupp taż-Żgħażagħ *23four*>>.

**31 ta' Marzu**

**07.00pm:** Fil-bażilika sar il-kant solenni ta' l-Għasar, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**08.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, akkumpanjat mill-kapitlu u l-kleru, mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Crucis* fil-beraħ ta' Pjazza San Ġorġ. Din is-sena ġew użati r-riflessjonijiet miktuba mill-kardinal Joseph Ratzinger, il-lum il-Papa Benedittu XVI, għaċ-ċelebrazzjoni tat-Triq tas-Salib li saret fil-Kolossew nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-2005. It-test bil-Malti, traduzzjoni ta' Francesco Pio Attard, ġie stampat fi ktejjeb apposta li tqassam lil dawk kollha preżenti. Għall-okkażjoni nħarġet ukoll fil-bieb tal-bażilika l-Vara l-Kbira, waqt li l-pjazza kienet armata bi skrin apposta mnejn l-udjenza setgħet issegwi u tipparteċipa, bl-għajnuna wkoll tal-kant tal-kor *Laudate Pueri*.

*jaqbad minn paġna 7*

L-esperjenza li ngħatajt li nkun parti mill-kor tal-Papa kienet waħda li nibqa' ngħożż ħajti kollha. L-atmosfera li kapaċi joħolqu ż-żgħażagħ meta jkunu fi grupp hija dik ta' briju, ferħ u eċitament, iżda wkoll ta' ġabra u serjetà fir-rigward ta' persuna hekk prominenti bħalma hu l-Papa. Barra li nkanta mal-kor, ingħatajt ukoll l-opportunità li nkanta bħala solista. Is-silta li kantajt flimkien mal-kor kienet *Ħadd ma jħobbok bħali*. Għadni niftakar ċar il-kliem "Hemm fis-Salib għalik il-prova għandi…"; f'dak il-waqt grupp ta' żgħażagħ ġarr salib minn qalb il-folla li eventwalment sab ruħu fuq il-palk prinċipali fejn konna qed inkantaw. Meta tkun qed tkanta dak il-kliem u tipprova tagħtih tifsira reliġjuża, jiġik faċli x'ħin quddiemek tara s-salib li kien ilu jdur f'purċissjonijiet solenni ma' l-irħula ta' Malta bi tħejjija għall-miġja tal-Papa. L-enerġija li ħassejna hekk kif il-Papa kien magħna fuq il-palk, ftit metri biss 'il bogħod minna, nista' nfissirha bħala "ewforika". Permezz ta' din l-esperjenza naħseb li ħafna żgħażagħ li kienu qed jitbiegħdu mill-Knisja ħassew lura x-xewqa li jerġgħu jiskopru x'għandha u x'baqgħalha toffri l-Knisja l-lum għalina ż-żgħażagħ.



**Mariella Spiteri [kantat bħala solista fil-Laqgħa tal-Papa maż-Żgħażagħ]**



F'Jannar irċivejt SMS biex immur inkanta f'kor iffurmat apposta għal attività taż-żgħażagħ meta jiġi l-Papa f'Malta. M'għaddiex wisq żmien meta nirċievi telefonata li ntgħażilt biex indoqq, u nikkomponi *Hallelujah* oriġinali apposta għal din l-attività. Mort niġri fuq il-pjanu biex nara kif nista' nibda nħarbex erba' noti. "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta'dejjem?" kien il-vers mill-vanġelu ta' San Mark, li ntgħażel b'domanda qawwija li ħafna minna nsaqsu ta' sikwit. Beda x-xogħol bla waqfien. Jien u Dorienne bdejna nipproponu xi kant, kollu ta' kompożituri u awturi Maltin u Għawdxin. Xtaqna li kemm il-kor u kemm il-pubbliku jkunu jistgħu jisimgħu u jitgħallmu dan il-kant b'faċilità. Iż-żmien beda jtir u bdejna l-provi *tal-band*. Sirna qisna familja waħda u l-provi ta' sigħat twal bdew jgħaddu f'ħakka t'għajn. Bħala mużiċisti konna għaxra. Il-ġranet għaddew u wasal il-Ħadd 18 ta' April. Qomt fis-7.00am u nara x-xita nieżla; kelli ġenn kbir fuqi! Morna l-Quddiesa fuq il-Fosos u bdejt inqawwi qalbi. Kont ferħan li kelli l-opportunità li ngawdi din iċ-ċelebrazzjoni minn qalb il-folla, minn qalb il Knisja! Inżilna l-*Waterfront* u bdejna nippreparaw biex nitilgħu fuq il-palk. Hekk għall-4.30pm bdejna nkantaw. Ngħid il-verità ma kontx daqshekk fiduċjuż li se jirnexxilna nwasslu l-messaġġ lil dawk l-eluf ta' żgħażagħ preżenti u dawk li segwew mid-dar, iżda l-ferħ u l-entużjażmu kien jinħass tassew! Beda joqrob il-Q.T. Papa Benedittu fuq il-katamarann u iżjed ma joqrob iktar tara wċuħ b'dik it-tbissima ħerqana u jżid l-għajjat taż-żgħażagħ. Sensazzjoni ta' l-għaġeb! Daqqejna u kantajna mill-qalb, u dik is-siegħa li għamilna fuq il-palk mal-Papa għaddiet bħal ftit sekondi. Ippruvajt inżomm kalm kemm stajt u ngħix dak il-ħin li kelli daqshekk qrib il-Q.T. Hu deher ferħan ħafna bil-mod kif aħna ż-żgħażagħ ilqajnieh. Laqatni ħafna meta qal li bħala Kristjani aħna fid-dmir li naqsmu l-imħabba tagħna ma' kulħadd, ngħinu lil kull min hu fil-bżonn, u ma nibżgħux inkunu ħbieb intimi ta' Kristu. Fl-aħħar ta' din il-laqgħa kelli x-xorti li mmur insellem lill-Q.T. mill-qrib. Nista' ngħid li x'ħin ersaqt qribu għal dawk iż-żewġ sekondi rajt fih bniedem ta' umiltà kbira u ta' eżempju għad-dinja kollha. Nixtieq verament li l-emozzjonijiet u l-għaqda li għexna dak in-nhar inkomplu ngħixuhom tul ħajjitna kollha. Bħala poplu Malti u Għawdxi wrejna li l-Knisja f'Malta hija magħquda u hija Knisja żagħżugħa.

**Richard Grech [mexxa l-kor taż-żgħażagħ u daqq il-pjanu fil-Laqgħa mal-Papa]**

Bħala Kap tat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet ta' *Media Link Communications* jien ipproduċejt programm maratona ta' aktar minn ħmistax-il siegħa li matulu xandarna dirett l-appuntamenti kollha li kellu l-Papa tul iż-żjara qasira tiegħu f'pajjiżna. Kienet esperjenza mill-isbaħ li titqabbel tajjeb ħafna ma' dik li kelli meta kellna l-aħħar żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Filwaqt li din id-darba kont qed nippreżenta parti mill-programm li pproduċejt, b'mistiedna fl-istudjow u kummentarju ta' l-attivitajiet mill-isbaħ li kellu Benedittu XVI, meta ġie l-papa preċedenti kont qed nirrapporta minn barra, mill-postijiet li żar. Xorta waħda, imma, ta' din id-darba kienet esperjenza li m'hux faċli tinsiha, għax kelli l-opportunità nsegwi l-passi kollha tal-Papa u l-attivitajiet kollha li ħa sehem fihom, nikkummentahom u niddiskuti fuqhom mal-mistiedna tagħna fl-istudjows. Esperjenza sabiħa wkoll kienet il-wasla tiegħu meta kont mistieden għaċ-ċerimonja uffiċċjali ta' merħba fl-ajruport u stajt narah mill-qrib.

**Nathaniel Attard [tella' programm fuq l-istazzjon Net TV]**

**Ħajr għar-ritratti:** Dipartiment ta' l-Informazzjoni - Malta; *Media Link Communications.*

